MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2010

Talba Numru. 404/2010

**Intercomp Marketing Limited (C-20612)**
**Vs**
**Francel Scerri (K.I. 110988M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet hlas ta' elf, mija, tnejn u erbghin ewro u erbgha u tmenin centezmu (€1,142.84) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenuta lis-socjeta' attrici in konessjoni ma' *computer hardware* mixtri mis-socjeta' attrici skont kif jirrizulta mid-dokumenti markati Dok A, B u C.

Il-konvenut interpellat diversi drabi sabiex ihallas baqa' inadempjenti w ghalhekk kelha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-data tal-konsenja u cioe' mit-18 ta' Ottubru, 2008 kontra l-konvenut li minn issa hu ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li deher il-konvenut fis-seduta ta l-24 ta' Gunju, 2010 li ammetta bil-gurament tieghu quddiem dan it-Tribunal din it-talba kif dedotta.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------